MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2011

Citazzjoni Numru. 167/2009

Brian **AZZOPARDI**

vs

Paul **VASSALLO** u martu Patricia Vassallo

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fl-24 ta’ Frar, 2009, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-attur talab li din il-Qorti (i) ssib li l-imħarrkin stagħnew bla jedd u bi ħsara tiegħu meta huwa ħareġ il-flus biex sar l-iżvilupp fuq l-art tal-istess imħarrkin li fuqha nbniet id-dar bl-isem ta’ “*Swanlake*”, fuq plot erbgħa u ħamsin (54), Triq Ħad-Dingli, Rabat, Malta; (ii) tillikwida, jekk meħtieġ billi taħtar perit għal dan il-għan, fis-somma ta’ mija u sbatax-il elf

euro (€ 117,000), jew f'kull somma oħra, l-kreditu tiegħu kontra l-imħarrkin, bħala l-ammont li bih l-istess imħarrkin stagħnew bla jedd bi ħsara għalih; u (iii) tikkundanna lill-imħarrkin iħallsuh is-somma hekk likwidata. Talab ukoll l-ispejjeż;

Rat id-Degriet tagħha tat-3 ta' Marzu, 2009, li bih ordnat in-notifika lill-imħarrkin u tat direttivi lill-attur dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tiegħu;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa mill-imħarrkin fis-17 ta' Marzu, 2009, li biha laqgħu għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qalu li l-azzjoni nbdiet qabel waqtha għaliex l-attur qatt qabel ma kien talabhom imqar b'ittra legali biex jersqu għall-ħlas ta' dak minnu pretiż, qalu li l-azzjoni ma setgħetx titressaq lanqas għaliex l-attur kellu rimedji oħrajn għal liema jirrikorri u billi qalu li l-azzjoni f'kull każ waqgħet biż-żmien tal-preskrizzjoni tal-ħames snin skond l-artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili. Laqgħu ukoll fil-mertu billi qalu li ma jeżisti fl-azzjoni attriċi l-ebda wieħed mill-elementi meħtieġa fil-liġi biex tirnexxi l-azzjoni tal-arrikkiment għad-dannu ta' ħaddieħor billi, mhux talli ma stagħnewx bi ħsara tiegħu, talli bl-istess ġid tagħhom huma qegħdin jagħmlu tajjeb għal dejn li huwa daħal fih u talli għal ħmistax-il (15) sena sħaħ l-attur baqa' jgawdi dik id-dar bla ħlas. Temmew billi ċaħdu l-allegazzjoni tal-attur li qatt kien hemm xi ftehim jew arranġament bejnhom u l-attur fis-sens li kienu wegħduh li jgħaddu l-art u kulma nbena fuqha fuq isem l-attur u binthom martu;

Rat in-Nota mressqa mill-attur fl-10 ta' Awissu, 2009[1], bl-affidavit bix-xhieda tiegħu mehmuż magħha;

Rat id-degriet tagħha tad-19 ta' Novembru, 2009, li bih ħatret lill-Avukat Maria Dolores Gauċi bħala Assistent Ġudizzjarju biex tisma' l-provi tal-partijiet dwar l-ewwel tliet eċċezzjonijiet preliminari tal-imħarrkin;

Rat ix-xhieda mressqa mill-partijiet quddiem l-Assistent Ġudizzjarju, magħduda dik bil-mezz tal-affidavit;

[1] Paġġ. 18 – 20 tal-proċess

Rat il-verbal magħmul mill-avukati tal-partijiet waqt is-seduta miżmuma mill-Assistent Ġudizzjarju fit-30 ta' Novembru, 2010[2];

Rat id-degriet tagħha tas-7 ta' Jannar, 2011[3], li bih u fuq talba magħmula mill-imħarrkin b'rikors tagħhom tas-6 ta' Jannar, 2011, ordnat il-bidla fit-tielet paragrafu tat-Tweġiba Maħlufa tagħhom billi tniżżel taħt liema artikolu tal-liġi kienu qegħdin isejsu l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrkin fis-6 ta' Jannar, 2011[4];

Rat in-Nota ta' Sotomissjonijiet imressqa mill-attur fil-31 ta' Jannar, 2011[5], bi tweġiba għal dik tal-imħarrkin;

Rat id-degriet tagħha tas-7 ta' Lulju, 2011[6], li bih u fid-dawl tad-degriet li hija kienet tat fid-19 ta' Novembru, 2009, ordnat lill-partijiet jottemperaw irwieħhom mal-istess dwar in-Noti ta' Sottomissjonijiet li kellhom iressqu;

Semgħet id-dikjarazzjoni magħmula waqt is-smigħ tas-7 ta' Lulju, 2011, mill-avukat difensur tal-imħarrkin li biha huma irrinunzjaw għall-ewwel eċċezzjoni preliminari tagħhom dwar l-intempestivita' tal-azzjoni attriċi;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet addizzjonali mressqa mill-imħarrkin fl-20 ta' Awissu, 2011[7];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-attur fis-16 ta' Settembru, 2011[8], bi tweġiba għal dik tal-imħarrkin;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tas-7 ta' Lulju, 2011, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza dwar it-tieni (l-

[2] Paġ. 104 tal-proċess
[3] Paġ. 125 tal-proċess
[4] Paġġ. 122 – 3 tal-proċess
[5] Paġġ. 127 – 130 tal-proċess
[6] Paġ. 133 tal-proċess
[7] Paġġ. 136 sa 141 tal-proċess
[8] Paġġ. 144 – 8 tal-proċess

improponibilita' tal-azzjoni) u t-tielet eċċezzjonijiet (il-preskrizzjoni) preliminari tal-imħarrkin Vassallo;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni ta' arrikkiment għad-dannu ta' ħaddieħor. L-attur, li huwa miżżeweġ lil bint l-imħarrkin imma għaddejjin minn proċeduri ta' firda personali, irid li l-istess imħarrkin iħallsuh kumpens għan-nefqa li huwa għamel biex inbniet id-dar taż-żwieġ tiegħu li ttellgħet fuq art li l-istess imħarrkin kellhom b'titolu ta' enfitewsi temporanju. Jgħid li, billi l-imħarrkin urew li ma kinux se' jżommu mal-wegħda li kienu għamlulu li huma jgħaddu l-istess art u d-dar mibnija fuqha lilu u lil martu b'donazzjoni, dawn qegħdin jistagħnew indebitament minħabba li l-benefikat li ttella' bil-ħidma u l-investiment tiegħu qegħdin igawduh huma bla ma tawh kumpens. Jikkalkola l-kumpens xieraq li jistħoqqlu jingħata fis-somma ta' mija u sbatax-il elf euro (€ 117,000);

Illi għal din l-azzjoni, l-imħarrkin miżżewġin Vassallo laqgħu billi, b'mod preliminari, qalu li l-azzjoni saret qabel waqtha, li ma setgħetx issir għaliex l-attur kellu rimedji oħrajn, u billi waqgħet bl-għeluq taż-żmien tal-preskrizzjoni tal-ħames snin. Laqgħu wkoll b'eċċezzjonijiet fil-mertu;

Illi b'verbal magħmul mill-għaref difensur tagħhom waqt is-smigħ tas-7 ta' Lulju, 2011, l-imħarrkin irtiraw l-ewwel eċċezzjoni preliminari;

Illi din is-sentenza qiegħda tingħata dwar iż-żewġ eċċezzjonijiet preliminari l-oħrajn;

Illi mill-provi li joħorġu mill-atti tal-kawża rilevanti għall-istħarriġ tal-eċċezzjonijiet taħt eżami, jirriżulta li l-attur iżżewweġ lil Carmen imwielda Vassallo, bint l-imħarrkin, f'Lulju tal-1995;

Illi meta żżewġu l-attur u martu marru jgħixu f'post bl-isem ta' "*Swanlake*", fi Triq Ħad-Dingli, r-Rabat. Il-post kien inbena fuq art li l-imħarrkin igawdu b'titolu ta' enfitewsi temporanja mill-Uffiċċju Konġunt. Din l-art u oħra qribha l-imħarrkin kellhom f'moħħhom li jagħtuha liż-żewġ uliedhom bniet biex fuqha jinbnew id-dar taż-żwieġ tagħhom[9];

Illi l-attur jgħid li kien ħa f'idejh kulma kien meħtieġ biex tinbena d-dar fejn hu u martu kellhom jgħixu[10]. Il-ħsieb kien li, wara li jkun infeda ċ-ċens fuq l-art, l-imħarrkin kienu jagħtuha b'donazzjoni lilu u lil binthom. Jgħid li b'dan il-mod, kien jissalda n-nefqa li kien għamel fuq l-art tal-imħarrkin. Huwa jgħid li nefaq mija u sbatax-il elf euro (€ 117,000) biex intemm il-bini tad-dar, li jinkludu ħlas ta' permessi, xiri ta' materjal u ħlas ta' ħaddiema tas-sengħa[11]. L-imħarrek jgħid li hu wkoll ta daqqa t'id fil-bini u li d-dar kienet lesta sa ma l-attur u bintu kienu ngħaqdu fiż-żwieġ;

Illi l-proċess biex jinfeda ċ-ċens ħa ż-żmien u l-art baqgħet miżmuma mill-imħarrkin b'enfitewsi li jagħlaq. Sadattant, bejn l-attur u martu nqala' l-għawġ u nbdew proċeduri għall-firda personali. L-attur tneħħa mid-dar li fiha baqgħet tgħix martu;

Illi l-imħarrkin jgħidu li fuq l-art fejn inbniet id-dar taż-żwieġ tal-attur u binthom, huma kienu għamlu tajjeb b'garanzija qawwija favur l-attur biex seta' ngħata faċilita' minn bank u biex jagħmel investiment f'razzett tat-trobbija tal-baqar u li l-attur qatt ma talabhom xi sura ta' kumpens għax-xogħol li għamel fil-post, qabel ma binthom bdiet il-proċeduri għall-firda personali[12];

Illi l-kawża nfetħet fi Frar tal-2009;

Illi għal dawk li jirrigwarda l-<u>konsiderazzjonijiet legali marbutin mal-eċċezzjonijiet taħt eżami</u>, għandu jingħad li ż-żewġ eċċezzjonijiet huma ta' sura tali li jwaqqfu l-kawża

[9] Affidavit tal-imħarrek f'paġ. 21 tal-proċess
[10] Affidavit tiegħu, f'paġġ. 19 – 20 tal-proċess
[11] Xhieda ta' Carmen Azzopardi 24.2.2010, f'paġ. 76 tal-proċess
[12] Affidavit tal-imħarrka f'paġġ. 23 – 4 tal-proċess

jekk kemm-il darba tintlaqa' xi waħda minnhom. Il-Qorti sejra tqishom fl-ordni li tressqu;

Illi **dwar l-eċċezzjoni li l-azzjoni tal-lum ma setgħetx issir għaliex l-attur kellu għażla ta' azzjonijiet oħra x'seta' jeżerċita,** għandu jingħad li din tintrabat man-natura nnifisha tal-azzjoni li l-attur għażel li jressaq. Ma huwiex kontestat mill-partijiet li l-azzjoni mibdija mill-attur hija l-*actio de in rem verso* kif maħsuba fl-artikolu 1028A tal-Kodiċi Ċivili. Iż-żewġ partijiet jaqblu wkoll li azzjoni bħal din hija waħda sussidjarja, u llum il-ġurnata dan huwa stabilit ukoll mil-liġi nnifisha fl-artikolu 1028B tal-istess Kodiċi;

Illi dak li ma jaqblux dwaru l-partijiet huwa jekk huwiex minnu li l-attur ma kellux għażla ta' xi sura ta' azzjoni oħra x'iressaq kontra l-imħarrkin biex tagħmel tajjeb għall-pretensjonijiet tiegħu;

Illi l-imħarrkin ma jgħidux liema kienet l-azzjoni jew liema kienu l-azzjonijiet li l-attur seta' nqeda bihom minflok dik li għażel. Jisħqu ħafna fuq ir-relazzjoni kuntrattwali li kien hemm bejnhom u l-attur, liema relazzjoni jarawha fil-qafas tal-fatti li l-attur kien miżżewweġ lil binthom[13]. Matul il-kontro-eżami li sar lill-istess attur, imbagħad, sarulu mistoqsijiet biex jikkonferma li huwa qatt ma ressaq talba biex l-imħarrkin jittrasferixxu fuq ismu l-art li fuqha nbniet id-dar taż-żwieġ tiegħu, skond il-wegħda li huwa jgħid li kienu għamlulu[14];

Illi, min-naħa tiegħu, l-attur jisħaq li ma kien hemm l-ebda sura ta' azzjoni oħra barra din tiegħu tal-lum li huwa seta' jressaq kontra l-imħarrkin. Jiċħad li kien hemm xi bażi kuntrattwali fl-arranġament li kien intlaħaq biex tinbena d-dar li kellha tkun id-dar taż-żwieġ tiegħu fuq ħwejjeġ il-ġenituri ta' martu. Kollox kien jiddependi minn wegħda bil-fomm u assikurazzjoni min-naħa tal-imħarrkin li, ladarba jinfeda ċ-ċens fuq l-art, l-istess art tingħata b'donazzjoni lilu u lil binthom wara ż-żwieġ. Jgħid li, hekk kif inqala' l-għawġ fiż-żwieġ tiegħu, l-imħarrkin għamluhielu ċara li

[13] § 20 tan-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħhom, f'paġ. 141 tal-proċess
[14] Xhieda tiegħu 3.2.2010, f'paġġ. 56 – 7 tal-proċess

minn dak li ngħad ma kien hemm xejn aktar u li l-art ma kinux se’ jdawruha fuqu. Fi kliem ieħor, l-attur jgħid li ma kellu l-ebda rimedju ieħor għajr l-azzjoni tal-lum;

Illi l-Qorti hija tal-fehma li l-attur għandu raġun. Iċ-ċirkostanzi li tnisslu bejnu u l-imħarrkin kienu dettati mir-relazzjoni li nħalqet bejnu u bint l-imħarrkin minħabba l-għerusija u ż-żwieġ tagħhom. Din ma toħloq l-ebda rabta kuntrattwali li minnha titnissel xi obbligazzjoni ġuridika għar-rigward tal-ġid tal-imħarrkin. Il-fatt li l-attur iżewweġ lil bint l-imħarrkin ma jagħtih l-ebda jedd fuq ġidhom, u wisq anqas joħloq xi obbligazzjoni min-naħa tagħhom li l-attur jista’ jeżegwixxi. Kif sewwa jgħid l-attur, bejnu u l-imħarrkin qatt ma kienet saret xi kitba biex bis-saħħa tagħha l-wegħda tat-trasferiment tal-art kienet tista’ tissarraf f’obbligazzjoni li kull naħa kellha l-jedd teżegwixxi. Minbarra dan, wara li nqalgħu l-problemi bejn l-attur u bint l-imħarrkin, l-istess imħarrkin ċaħdu għal kollox li huma qatt kienu għamlu xi wegħda li l-art jagħtuha b’donazzjoni lill-attur, iżda biss lil binthom;

Illi fil-fehma tal-Qorti dan kollu jixhed li ma kien hemm l-ebda azzjoni oħra mnissla minn rabta kuntrattwali li l-attur seta’ jagħżel biex iressaq ’il quddiem il-pretensjonijiet tiegħu[15]. B’mod partikolari, l-attur tqiegħed f’sitwazzjoni fejn jekk kien tassew minnu li huwa nefaq somom biex inbniet id-dar li fiha kellu jgħix ma’ martu, dik in-nefqa ma setgħetx tissarraf f’rabta kuntrattwali li bis-saħħa tagħha huwa kien jista’ jippretendi xi forma ta’ adempiment min-naħa ta’ sid l-art[16];

Illi għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti ssib li l-eċċezzjoni m’hijiex tajba u m’hijiex sejra tilqagħha;

Illi **dwar l-eċċezzjoni li l-azzjoni attriċi waqgħet bil-preskrizzjoni tal-ħames snin**, l-partijiet ukoll jaqblu li ż-żmien preskrittiv li jgħodd għal azzjoni bħal din huwa dak li jipprovdi l-artikolu 2165(f) tal-Kodiċi Ċivili. Kif ingħad

---

[15] Ara, f’dan ir-rigward, App. Ċiv. **20.11.1954** fil-kawża fl-ismijiet ***Falzon noe vs Xuereb noe*** (Kollez. Vol: **XXXVIII.i.397**) u P.A. **19.2.1955** fil-kawża fl-ismijiet ***Ċiantar vs Pulis*** (Kollez. Vol: **XXXIX.ii.568**)

[16] App. Inf. PS **23.6.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Blye Engineering Co Ltd vs Victor Balzan et***

qabel, din l-azzjoni m'hijiex sempliċement waħda għall-ħlas ta' servizz mogħti, imma waħda ta' arrikkiment mhux mistħoqq. F'dan ir-rigward, il-bixra ġenerali tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji u l-ħsieb tal-kittieba hija fis-sens li ż-żmien preskrittiv huwa sewwasew dak tal-ħames snin maħsub fl-artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili u mhux dak tas-sentejn[17];

Illi ladarba ż-żmien huwa wieħed ta' preskrizzjoni u mhux ta' dekadenza, jista' jitwaqqaf b'xi wieħed mill-modi maħsuba fil-liġi[18]. Att ġudizzjarju huwa wieħed mill-modi kif iż-żmien tal-preskrizzjoni jitwaqqaf, iżda jekk dak l-att ikun fih talba għall-ħlas fuq bażi kuntrattwali, ma jwaqqafx iż-żmien jekk 'il quddiem il-kreditur jiftaħ kawża msejsa fuq l-arrikkiment mhux mistħoqq[19];

Illi l-imħarrkin jgħidu li ż-żmien li fih l-attur seta' ressaq l-azzjoni tiegħu tal-lum ilu ħafna li għalaq għaliex in-nefqa li huwa seta' għamel u li dwarha ressaq din il-kawża kienet ilha li saret minn qabel l-1995, jiġifieri minn qabel ma żżewweġ lil binthom;

Illi, min-naħa tiegħu, l-attur iwarrab dan l-argument fuq il-bażi li, bil-wegħda li l-imħarrkin kienu għamlu lilu u lil martu u liema wegħda baqgħu jtennuha matul iż-żmien sakemm inqala' l-għawġ bejniethom, huma kienu irrinunzjaw għal kull żmien ta' preskrizzjoni li seta' kien għaddej favurihom. Ma' dan jorbot ukoll l-argument li huwa ressaq l-azzjoni tiegħu ftit xhur biss wara li l-qagħda ħadet ix-xejra deċiżiva tagħha min-naħa tal-imħarrkin hekk kif martu (binthom) fetħet il-proċeduri għall-firda personali;

Illi kif trid il-liġi[20], il-preskrizzjoni ta' kull azzjoni tibda minn dakinhar li l-azzjoni setgħet tinbeda bla ma jittieħed qies tal-istat jew il-kundizzjoni tal-persuna li lilha tali azzjoni kienet tmiss. Jekk wieħed iħares lejn il-kliem ta' din id-

---

[17] Ara, per eżempju, App. Ċiv. **16.5.1986** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Borġ vs Peter A. Morrisey*** (mhix pubblikata)
[18] Artt. 2127, 2128, 2131 u 2133 tal-Kap 16
[19] App. Ċiv. **16.12.1966** fil-kawża fl-ismijiet ***Grima vs Cassar Galea*** (Kollez. Vol: **L.i.346)**
[20] Art. 2137 tal-Kap 16

dispożizzjoni tal-liġi jara li ċ-ċirkostanzi partikolari tal-persuna li kontra tagħha jkun għaddej iż-żmien preskrittiv ta' azzjoni li tista' tieħu ma humiex ta' xkiel biex dak iż-żmien jissokta jimxi. Huwa biss jekk il-jedd ikun wieħed kondizzjonali li ż-żmien preskrittiv jitwaqqaf sakemm il-kondizzjoni sseħħ[21]. Dan ifisser ukoll li ż-żmien tal-preskrizzjoni ta' azzjoni, ladarba huwa wieħed estintiv tal-istess azzjoni, jibda għaddej minn dak inhar li jitnissel il-jedd jew l-għamil maħsub li jwaqqaf dak il-jedd[22];

Illi l-argument magħmul mill-attur iqanqal aspett ta' interess fil-qafas taċ-ċirkostanzi tal-każ. L-imħarrkin ukoll jieħdu dan l-argument b'ċerta serjeta' u ressqu sottomissjonijiet studjati u mirquma biex jirribattuh billi jagħmlu ħilithom biex juru li mhux la kemm wieħed jallega r-rinunzja għall-preskrizzjoni;

Illi mill-mod kif l-attur jipprova jxejjen l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni opposta kontrih, jidher li huwa jqis l-imġiba tal-imħarrkin aktar bħala waħda ta' rinunzja għall-istess preskrizzjoni milli bħala ċirkostanza li tikser iż-żmien preskrittiv. Ta' min jgħid li, f'ċerti każi, l-għarfien jitqies iżjed bħala każ ta' rinunzja għall-preskrizzjoni milli interruzzjoni taż-żmien preskrittiv[23]. Għalhekk huwa l-każ fejn l-għarfien tal-jedd tal-kreditur jista' jkun ukoll impliċitu u mhux tabilfors espress[24] jew miktub, għalkemm tali għarfien għandu jitfisser b'mod restrittiv[25] li ma jistax ikun ekwivoku[26];

Illi, kif ingħad, l-attur jargumenta li l-imħarrkin irrinunzjaw għaż-żmien preskrittiv minħabba li, għal tul ta' żmien, kienu jwegħduh (u wkoll lil martu, binthom) li l-art li fuqha nbniet id-dar b'nefqa konsiderevoli min-naħa tal-istess attur, kellhom jgħadduhielhom b'donazzjoni. Huwa jisħaq li din il-wegħda baqgħet tittenna sa żminijiet riċenti, iżda l-

---

[21] Art. 2125(a) tal-Kap 16 u P.A. **7.11.1935** fil-kawża fl-ismijiet ***Davison et vs Debono et*** (Kollez. Vol: **XXIX.ii.736**)
[22] Buadry-Lacantinerie & Tissier Trattato Teorico-Pratico di Diritto Civile (3a Ediz), "Della Prescrizione", § 364 paġ. 279
[23] P.A. **10.12.1954** fil-kawża fl-ismijiet ***Farruġia pro et noe vs Farruġia et*** (Kollez. Vol: **XXXVIII.ii.606**)
[24] P.A. **5.6.1959** fil-kawża fl-ismijiet ***Borġ vs Brincat et*** (Kollez. Vol: **XLIII.ii.744**)
[25] P.A. **7.12.1901** fil-kawża fl-ismijiet ***Farruġia vs Perini*** (Kollez. Vol: **XVIII.ii.81**)
[26] App. Ċiv. **8.1.1960** fil-kawża fl-ismijiet ***Fenech et vs Beżżina*** (Kollez. Vol: **XLIV.i.1**)

kliem inbidel meta nqala' l-inkwiet fil-ħajja miżżewġa bejnu u martu;

Illi ladarba r-rinunzja għall-preskrizzjoni hija allegazzjoni li tagħmilha l-parti attriċi biex twaqqa' l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni mressqa kontriha, jiġi li hija l-parti attriċi li trid tipprova tajjeb dik ir-rinunzja u li l-prova li tinġieb tkun waħda konklussiva[27];

Illi mill-provi mressqa s'issa fil-kawża miż-żewġ partijiet, toħroġ stampa ta' verżjonijiet li ma jaqblux. L-attur jgħid li l-wegħda tal-għotja tal-art kienet ilha ssir sa minn ftit taż-żmien wara li beda l-għerusija tiegħu ma' bint l-imħarrkin. Jgħid ukoll li l-wegħda kienet ta' donazzjoni u mhux ta' bejgħ tal-art, ladarba jinfeda ċ-ċens li kien jgħabbi l-istess art. Min-naħa l-oħra, l-imħarrkin u x-xhud imressqin minnhom kollha jiċħdu dak li jallega l-attur, u jgħidu li l-wegħda tad-donazzjoni ma kienet qatt magħmula favur l-attur imma favur martu, bħalma fil-fatt ġara fil-każ ta' binthom l-oħra. L-ebda waħda mill-partijiet ma ressqet xhud "barrani" biex jagħti ħjiel tal-istampa kif tassew hi, u x'aktarx, jekk wieħed jifhem sewwa ċ-ċirkostanzi, lanqas ma kien mistenni li l-aranġament propost kien se' jkun imxandar mal-erbat irjieħ;

Illi għall-Qorti, u wara li qieset b'reqqa x-xhieda mogħtija u xejn anqas il-motivi li setgħu animaw dik ix-xhieda fid-dawl tat-taqlib li ġara fil-ħajja taż-żwieġ bejn l-attur u bint l-imħarrkin, iż-żewġ verżjonijiet tal-partijiet dwar dak li kellu jsir mill-art li fuqha nbniet id-dar huma plawsibbli u tajbin biżżejjed biex jitwemmnu. Huwa prinċipju aċċettat li meta żewġ verżjonijiet ma jkunux jaqblu għal kollox b'mod li l-waħda xxejjen 'il-oħra, iżda li t-tnejn jistgħu jitwemmnu, allura qagħda bħal din tgħin lill-parti mħarrka, fuq il-bażi tar-regola li *onus incumbit ei qui dixit*[28] u tar-regola proċedurali l-oħra li timxi magħha li *actore non probante reus absolvitur*[29]. Fil-każ tal-lum dan jgħodd aktar

[27] App. Kumm. **20.3.1978** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Paċe vs Fred Fenech*** (mhix pubblikata)
[28] P.A. NC **28.4.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Frank Giordmaina Medici et vs William Rizzo et***
[29] P.A. LFS **18.5.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Log. Kurunell Gustav Caruana pro et noe vs Air Supplies & Caternig Co Ltd***

minħabba li, kif ingħad, il-prova tar-rinunzja tal-preskrizzjoni kellu jagħmilha l-attur;

Illi dan kollu mbagħad irid jitqies ukoll fid-dawl tal-ħtieġa msemmija aktar qabel li l-prova tar-rinunzja tal-preskrizzjoni – b'mod partikolari fejn din tkun mibnija fuq ir-rinunzja taċita jew impliċita – trid tkun waħda konklussiva;

Illi, taħt dawn iċ-ċirkostanzi, il-Qorti tasal għall-fehma li l-attur ma seħħlux juri tajjeb biżżejjed li b'għamilhom jew b'imġiebthom, l-imħarrkin tassew irrinunzjaw għaż-żmien preskrittiv ta' ħames snin li fih l-attur, kieku ried, messu mexxa l-azzjoni li ressaq bil-kawża tal-lum. Minn dan l-aspett, il-Qorti ssib li l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni mtellgħa mill-imħarrkin hija tajba u sejra tilqagħha;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tastjeni milli tqis l-ewwel eċċezzjoni preliminari** billi l-imħarrkin irrinunzjaw għaliha b'verbal waqt is-smigħ tas-7 ta' Lulju, 2011;

**Tiċħad it-tieni eċċezzjoni preliminari** billi mhix mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt, għaliex l-attur ma kellux għad-dispożizzjoni tiegħu rimedju ieħor b'azzjoni oħra jekk mhux b'din tal-lum;

**Tilqa' t-tielet eċċezzjoni preliminari** billi ssib li l-azzjoni mibdija mill-attur waqgħet bil-preskrizzjoni tal-ħames snin maħsuba fl-artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili; u

**Tiċħad it-talbiet attriċi** bl-ispejjeż kontra l-attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------